# 155. Il-Grillu u n-Nemla

Il-grillu kanta s-sajf, u l-għanja tiegħu
ħammret l-għambaqar, ħammret it-tuffieħ,
u nefħet l-għeneb, ħammret lill-brunġiela,
sajret baħar ta' żbul tad-deheb sabiħ.

Il-grillu għanna l-ġmiel tal-ħolqien kollu,
ix-xogħol, il-ġieħ, il-ħajja u s-sbuħija;
ħajjar lin-nies lejn l-idijal u t-tieba,
kollox bil-kliem meqjus tal-poeżija.

U meta temm il-kant daħal Ottubru,
x'tira' ma fadal xejn ħlief il-ħuxlief;
il-grillu ħass il-ġuħ u mar jittallab,
ħabbat il-bieb ta' nemla taħt it-tfief.

"Hawn il-poeta", il-grillu qal lin-nemla,
"għannejt tul is-sajf sħiħ, għanjieti żgħira
sebħet il-ħajja, xeħtet dawl fid-dalma;
min kanta l-idijal ma ħaqqux xgħira?"

"Ah! fejn kantajt mur iżfen", qaltlu n-nemla,
u l-bieba sabbtet sabta kif imiss...
Imsejken grillu! x'tiswa l-poeżija
għal min jemmen bil-qamħ u bix-xgħir biss?!